# Id-Domma ta' l-Assunta: kif il-Mostin jgħixuha llum

Emily Barbaro-Sant

Il-Knisja Rotunda tal-Mosta, fid-19 ta' Ottubru ta' din is-sena (2004), kellha esperjenza mill-isbaħ meta laqgħet fiha madwar elf saċerdot minn diversi pajjiżi madwar id-dinja li għażlu 'l Malta biex fiha jinżamm is-VI Kungress Internazzjonali tas-Saċerdoti. Din ma kenitx l-ewwel darba li l-Knisja tagħna kienet maħnuqa bin-nies għal xi ċelebrazzjoni fuq skala nazzjonali jew internazzjonali.

Bir-raġun, wieħed jistaqsi, xi jġiegħel lill-organizzaturi jagħżlu dan it-tempju maestuż, mibni fit-tond fuq il-pjanta ta' l-arkitett Ġorġ Grognet de Vassé aktar minn mitt sena ilu, għal xi manifestazzjoni kbira? Għal min ma jemminx jew għal min ir-reliġjon ma tfisser xejn jew ftit, ir-Rotunda toffri biss binja kbira u sabiħa, u ammirazzjoni turistika. Għall-kuntrarju, għal min jemmen, ir-Rotunda tfisser monument ta' mħabba tal-Mostin lejn Alla u lejn Ommna Marija Santissma Imtellgħa s-Sema.

Kienet din l-imħabba tal-Mostin lejn l-Assunta li minn kmieni, kebbset fihom ix-xewqa kbira li jibnu tempju kbir u jiddedikawh Lilha. Kienet din l-imħabba bla qies li ġiegħlet lill-antenati tagħna – irġiel, nisa u tfal – li jmiddu jdejhom, biex wara ħidma kbira u tbatija li twalet is-snin, jaraw il-ħolma tagħhom isseħħ. Wieħed irid jifhem li meta nbniet ir-Rotunda, Malta kienet għadha sajma għal kollox mill-għodda li llum jintużaw b'tant faċilità u effiċjenza fil-kostruzzjoni.

Ir-Rotunda tlestiet u l-istess tempju, baqa' maż-żmien, jigi mżejjen u mlibbes kif jixraq lid-Dar ta' Alla.

Kien waqt l-Ewwel Kungress Djoċesan ta' l-Azzjoni Kattolika Maltija, miżmum fir-Rotunda fit-22 ta' Settembru 1946 u mmexxi mill-Arċisqof Mikiel Gonzi, li saret il-petizzjoni nazzjonali lill-Q.T. il-Papa Piju XII sabiex ifittex jiddefinixxi t-Tlugħ is-Sema ta' Marija Santissma bir-ruħ u bil-ġisem bħala Domma tal-Fidi. Kienu nġabru 164,818-il firma u dawn tpoġġew f'riġlejn l-istatwa titulari ta' l-Assunta ta' dak iż-żmien. Min jaf kemm feraħ il-poplu Malti jara quddiem għajnejh isseħħ ġrajja hekk sabiħa u storika!

Erba' snin wara, fl-1 ta' Novembru 1950, l-istess Papa Piju XII iddikjara sollennement id-Domma ta' l-Assunzjoni. Dak in-nhar stess, fil-knisja tagħna maħnuqa għal darb' oħra bin-nies, tkanta t-*Te Deum* b'sinjal ta' radd il-ħajr lil Alla. Bid-dikjarazzjoni tad-Domma ta' l-Assunta, id-devozzjoni lejn il-Madonna kompliet kibret.

Mhux il-għan tiegħi li nidħol ħafna fl-istorja, la tar-Rotunda u anqas tad-Domma; iżda wieħed ma jistax iħalli barra ċerti dettalji li juru kemm minn dejjem kienet għażiża l-Madonna għall-poplu tal-Mosta u għal min mexxih tul iż-żmien, kemm dawk li niftakru aħna kif ukoll dawk ta' qabilhom.

Min għandu l-età tiegħi u li bħali mhux mil-lokal iżda li bħali ċ-ċirkustanzi ġabuh joqgħod f'din il-belt fin-nofs ta' Malta, sab komunità li tilqgħu, sab soċjetà ġdida miftuħa għall-progress u fi ftit snin sar parti integrali minn din is-soċjetà li kibret maż-żmien u li llum tgħodd 'il fuq minn 19,000 abitant. Inħossuna aħwa mal-Mostin anke f'dik li hi mħabba lejn il-Madonna u lejn il-knisja tagħna.

Min bħali wkoll, għajr dak miktub fl-istorja, jaf biss it-tmexxija ta' żewġ saċerdoti żelanti, illum it-tnejn monsinjuri, – qed nirreferi għall-Mons. Bartilmew Bezzina u Mons. Joe Carabott – b'parrokat ta' aktar minn 40 sena bejniethom, seta' tul iż-żmien jara b'għajnejh kemm ħabirku t-tnejn li huma biex mexxew il-parroċċa 'l quddiem u biex komplew ikebbsu l-imħabba tal-poplu għall-Madonna. Lura fiż-żmien naraw kemm tħabrik sar biex ix-xewqa tal-poplu Mosti li jara nkurunat il-kwadru titulari isseħħ – ġrajja li baqgħet tiġi kommemorata kull sena.

Għaddew 54 sena mid-definizzjoni tad-Domma ta' l-Assunta. Din ma kenitx grajja, bħal oħrajn, li jseħħu b'ħafna pompa u wara ftit jintesew. Tibqa' mfakkra biss fl-istorja miktuba. Id-Domma ta' l-Assunzjoni ħalliet il-ġid spiritwali. Minkejja li l-poplu tal-lum jinsab aljenat bix-xogħol u bid-divertiment, l-imħabba lejn il-Madonna għandha post speċjali f'qalbu. Il-Mostin għadhom jirrikorru lejn il-Madonna bħala t-Teżoriera tal-Grazzji, fil-bżonnijiet kollha

tagħhom.

Biex tfakkar id-Domma ta' l-Assunzjoni – avveniment importanti għar-Reliġjon tagħna – triq fiż-Żona ta' Santa Margerita ssemmiet 'Triq l-1 ta' Novembru 1950'.

Il-festa ta' l-Assunta, iċċelebrata kull sena fil-Mosta fil-15 ta' Awissu, titqies bħala l-aktar festa popolari u mfittxija mill-Maltin mis-6 parroċċi l-oħra f'Malta u Għawdex. Il-preparazzjoni għaliha ssir b'ħafna reqqa kemm mil-lat spiritwali kif ukoll minn dak profan. Fil-kwindiċina jiġu ttrattati diversi temi mimlija tagħlim dwar il-Madonna. Tagħrif ieħor jingħata permezz ta' kitbiet u devozzjonijiet. Isiru attivitajiet għall-kategoriji kollha fi ħdan il-parroċċa bil-parteċipazzjoni tal-għaqdiet. Ma jonqsux anqas rigali ta' tifkira lit-tfal tal-parroċċa.

Iż-żewġ baned tal-lokal kif ukoll il-kmamar tan-nar jagħtu s-sehem sħiħ tagħhom.

Min ma jindunax b'tant Mostin li fix-xahar ta' Awissu jiġu jżuru art twelidhom, mill-pajjiżi li laqgħuhom bħall-Awstralja, l-Amerka u l-Kanada? L-imħabba tagħhom lejn il-Madonna u lejn il-Mosta ġġibhom fostna imqar jekk għal ftit ġranet jew ġimgħat.

X'aktarx li ftit huma dawk il-familji Mostin li m'għandhomx lil xi membru bl-isem ta' Maria jew Mario jew xi forma oħra ta' dan l-isem bi stil aktar modern. Minn statistika li ħarġet dan l-aħħar, sar magħruf li l-isem 'Maria' kien l-aktar wieħed li nagħta lit-trabi bniet f'Malta tul din is-sena.

Dawra mal-Mosta, ma jistgħux ma jolqtukx l-ismijiet li jingħataw lid-djar. Fost l-aktar li jispikka huwa 'Santa Marija' jew 'Ave Maria' jew xi forma oħra konnessa mal-Madonna. Forsi dan mhux ukoll sinjal ta' rispett lejn Ommna Marija?

Kull min iżur il-Knisja tagħna, sew jekk Malti kif ukoll jekk turist (li minnhom ikollna eluf kuljum), jolqtu l-mod galbat u nadif li fih jinżamm dan is-Santwarju ddedikat lill-Assunta. Bħal kull oġġett ieħor li minn fuqu jgħaddi ż-żmien u hu espost għall-elementi, is-snin ħallew ukoll il-marka kiefra tagħhom fuq il-bini tar-Rotunda. Xi ġebel tmermer u kellu jinbidel, u ried isir xogħol siewi ieħor li jaf iqisu biss min hu tas-sengħa. F'kelma waħda kien jinħtieġ ir-restawr u l-istima kienet kbira iżda meta l-poplu Mosti ġie mitlub biex jikkontribwixxi, dan għamel hekk bil-qalb. Il-poplu wera bil-fatti li jrid jgħin biex id-Dar ta' Alla tinżamm fi stat tajjeb.

Kien hemm ħaġa oħra li kienet waslet għal dawra sewwa. Dan kien l-orgni. Kienet meħtieġa spiża oħra biex dan jissewwa. Kien hemm min offra li jidħol għall-ispiża u x-xogħol inbeda u sadattant inxtara ieħor biex jaqdi l-bżonnijiet immedjati tal-parroċċa. L-arċipriet il-ġdid, Dun Mario Tong, qed ikompli b'ħeġġa fejn ħallew ta' qablu.

Opri oħra li saru tul is-snin u li juru l-ġenerożità tal-Mostin fejn tidħol il-knisja tagħhom, kienu l-għamara ta' fuq l-artal, l-induratura ta' l-istatwa titulari u tant u tant affarijiet oħra.

Il-Mosta llum titqies bħala waħda minn dawk il-lokalitajiet li kibru u nfirxu. Hemm bżonn li jsir sforz minn kulħadd biex il-familji ġodda li jiġu joqogħdu l-Mosta, jiġu integrati aktar u minn kmieni, u mhux jistennew il-magħmudija ta' xi membru ġdid biex jidħlu parti mill-Parroċċa tagħna.

Jinħtieġ ukoll li aħna lkoll, poplu u kleru, ningħaqdu aktar u nuru li aħna magħqudin billi naħdmu iżjed flimkien għall-ġid tal-komunità tagħna. Dan, il-Madonna tistennieh minn kull wieħed u waħda minnha. Mhux biżżejjed li ndaħħlu jdejna fil-but u nikkontribwixxu b'mod finanzjarju meta mitluba. Hemm bżonn li nkunu sensittivi għall-ħtieġijiet tal-poplu tagħna u ma ndawrux wiċċna n-naħa l-oħra bħallikieku rridu nfissru: 'Ma jimpurtanix. Mhix biċċa tiegħi. M'għandix x'naqsam'. Il-Madonna ma tridux dan minna. Tatna lezzjoni ta' dak li għamlet hi fit-Tieġ ta' Kana.

Irridu nuru mħabbitna lejn il-Madonna wkoll bi kliemna meqjus, bi lbiesna diċenti u billi nersqu aktar lejn is-Sagramenti ħalli nkunu eqreb lejha u lejn Binha Ġesù u nagħmlu dak li jgħidilna Hu.

B'din l-imġieba u b'din l-attitudni tagħna, ma nagħmlux biss attrazzjoni turistika mir-Rotunda, iżda naraw li r-Rotunda tkun verament id-Dar ta' Alla, id-Dar tat-Talb, kif tassew hi.

Nagħlaq billi nikkwota silta qasira li laqtitni mill-paniġierku li għamel Mons. Carabott fil-festa ta' Santa Marija ta' din is-sena: Ġesù fuq il-Kalvarju, ma ħallilniex statwa biex inżejnuha u nlibbsulha d-deheb. Ma ħallilniex kwadru biex inpoġġulu kuruni u stillarji. Imma Ġesù ħallielna Lilha – il-persuna ta' MARIJA.